DATA TA’ PUBLIKAZZJONI
30 ta’ April 2026

**Linji Gwida tal- ‘Buddy System’**

## 1. Introduzzjoni - X'tinvolvi il- ‘Buddy System’?

Il-'Buddy System' ġiet introdotta reċentement fil-programm ta’ Influss - Residenza Artistika, bħala struttura ta' appoġġ mfassla biex issaħħaħ it-tliet pilastri tar-residenza: l-indaġni, l-immersjoni u l-esperimentazzjoni. Din is-sistema timmira li tħeġġeġ relazzjonijiet orizzontali bejn il-prattikanti lokali u internazzjonali, filwaqt li trawwem l-involviment mal-kuntest kulturali Malti, billi tgħaqqad kull artist ma' kollega bbażat lokalment.

## 2. Għanijiet tal- ‘Buddy System’

Il-'Buddy System' hija maħsuba biex tipprovdi navigazzjoni u appoġġ kuntestwali, skambju bejn prattikanti u żvilupp ta' komunità u l-benesseri tagħha, permezz tad-dmirijiet li ġejjin:

- Proviżjoni ta’għarfien lokali, per eżempju soċjali, storiku, materjali, li l-artisti barranin ma jistgħux jaċċessaw faċilment waħedhom.
- Appoġġ ta’ navigazzjoni tal-kuntest lokali, bħala punt ieħor ta' kuntatt flimkien mal-koordinaturi tar-residenza.
- Għajnuna fuq sfidi prattiċi relatati mat-tip ta’ xogħol tal-artisti internazzjonali li jistgħu jinqalgħu matul ir-residenza.
- Skambju dwar il-proġett, xogħol artistiku jew riċerka li qed tiġi żviluppata waqt ir-residenza, aktar milli gwida purament amministrattiva.
- Pariri dwar konnessjonijiet ma’ persuni jew għaqdiet li jestendu lil hinn mid-Direttorat tal-Kultura.
- Spazju għal komunikazzjoni f'waqtha u kontestwali minn xi ħadd li jkun familjari mal-proċess tal-artisti barranin.
- Tkabbir ta' netwerk ta' artisti lokali u internazzjonali b'potenzjal għal kollaborazzjoni fil-futur.
- Tipprevjeni l-iżolament u tappoġġa l-konnettività u s-sens ta' appartenenza għall-artisti viżitaturi.

**L-inizjattiva tal-’Buddy System’ mhix maħsuba biex tissostitwixxi rwoli professjonali ta' produzzjoni, kuratorjali, jew amministrattivi; u lanqas sostitut għal ‘mentoring’ formali jew servizzi tekniċi ta' produzzjoni.**

3. **Dati Ewlenin (Ibbażati fuq l-iskeda tar-Residenza Internazzjonali)**

| | |
|---|---|
| Pubblikazzjoni tas-Sejħa tal-'Buddy System' | 30 ta' April 2026 |
| Skadenza tas-Sejħa tal-'Buddy System' | 16 ta' Ġunju 2026 |
| Riżultati tas-Sejħa tal-'Buddy System' | 10 ta' Lulju 2026 |

Il-'Buddy System' takkomoda sa erbgħa individwi li se jappoġġaw lill-artisti internazzjonali, maqsumin bejn fuq żewġ gruppi distinti. L-applikanti se jintalbu jispeċifikaw id-disponibbiltà tagħhom għal wieħed minn dawn il-perjodi li ġejjin, jew għat-tnejn, għal massimu ta' erbagħa ġimgħat:

- **L-Ewwel Grupp:** 31 ta' Awwissu - 30 ta' Settembru 2026
- **It-Tieni Grupp:** 15 ta' Ottubru - 15 ta' Novembru 2026

*Nota dwar il-Flessibilità: Id-dati msemmija hawn fuq huma indikattivi. Il-bidu tal-programm jiddependi fuq id-disponibbiltà tal-applikanti u d-dati tal-wasla u t-tluq tal-artisti internazzjonali, soġġett għall-iskedi tat-titjiriet u l-koordinazzjoni loġistika.*

4. **Kriterji ta' Eliġibbiltà (Min jista' jkun Buddy?)**

L-intenzjoni hija li l-Buddies ikunu prattikanti ibbażati lokalment li jħadnu għarfien attiv u applikabbli tal-pajsaġġ kulturali, soċjali, u/jew komunitarju ta' Malta.

Id-disinn tal-'Buddy System' huwa flessibli b'mod intenzjonali. Id-Direttorat tal-Kultura qiegħed ifittex li jgħaqqad grupp ta' ħiliet, interessi, u netwerks diversi biex jiżgura l-ħolqien ta' konnessjonijiet personalizzati u sinifikanti, ibbażati fuq il-proċess speċifiku u t-tiri tematiċi tal-artisti internazzjonali li jaslu.

Biex ikunu eliġibbli, l-applikanti għandhom:

- Ikunu ibbażati fil-Gżejjer Maltin matul l-2026
- Ikunu kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv bl-Ingliż u/jew bil-Malti
- Ikollhom mill-inqas sentejn ta' esperjenza professjonali attiva fil-qasam rispettiv tagħhom.

**Profili Professjonali:**

Applikazzjonijiet minn individwi li jidentifikaw ruħhom ma' kwalunkwe wieħed mill-irwoli li ġejjin huma milqugħa:

- **Artisti u Prattikanti Kreattivi:** Attivi f'dixxiplina artistika waħda jew diversi.

- **Ħaddiema Kulturali:** Produtturi, organizzaturi, kuraturi, jew maniġers kulturali li jinnivigaw l-ekoloġija lokali tal-arti.
- **Prattikanti mal-Komunità u l-Impatt Soċjali:** Rappreżentanti ta' NGOs, attivisti, jew organizzaturi komunitarji li l-ħidma tagħhom tmiss mal-arti, il-kultura, jew il-bidla soċjali.
- **Riċerkaturi u Edukaturi:** Akkademiċi, kittieba, jew għalliema li r-riċerka tagħhom tinvolvi d-dixxiplini artistiċi jew il-wirt kulturali.
- **Kollettivi Kulturali:** Rappreżentanti ta' kollettivi lokali attivi (sakemm persuna primarja waħda tiġi identifikat bħala l-punt ta' kuntatt dedikat għar-residenza).

5. **Appoġġ Finanzjarju u Tqassim taż-Żmien**

Il- 'Buddies' magħżulin se jirċievu paga professjonali ta' €500 (eskl. VAT) għall-parteċipazzjoni taghom fil-programm. Dan l-ammont jitħallas wara s-sottomissjoni ta' 'invoice' lid-Direttorat tal-Kultura kif dettaljat fit-taqsima 6.

L-irwol jeħtieġ impenn ta' madwar 25 siegħa mifruxa ma' tul ir-residenza. Suġġeriment ta' tqassim taż-żmien kif indikat minn 5.1 sa 5.3 jindika l-attivitajiet ewlenin, biex tinbet kollaborazzjoni maħsuba:

**5.1. Onboarding u Ppjanar:**

- Sessjoni Preparatorja 'Online': Biex tintroduċi r-residenza u l-Qafas tatal- 'Buddy System' lill-individwi kollha magħżula.
- Sessjoni ta' Ppjanar bejn il-Buddy u l-Artist ('Online' jew Fiżika): Laqgħa inizjali mal-artist biex jiġu stabbiliti l-intenzjonijiet, il-bżonnijiet, u tiħoloq b'mod kollettiv Pjan ta' Azzjoni bejn il-Buddy u l-Artist (fej jiġu deskritti l-għanijiet, il-modi preferuti ta' kuntatt, u l-attivitajiet ippjanati).

**5.2. Involviment fuq il-Post:**

- Mill-inqas 2 sessjonijiet fuq il-post, li jistgħu jieħdu forom diversi (li jintgħażlu b'mod kollaborattiv). Eżempji jinkludu:
    - Ħarġiet relatati mal-kuntest: żjarat f'inħawi, spazji, inizjattivi relevanti eċċ.
    - Żjarat speċifiċi għas-sit relatati mar-riċerka jew il-prattika tal-artisti
    - Sessjoni prattika: sessjoni ta' ħolqien kondiviż, żjara fl-istudjo, workshop, laqgħa informali eċċ.

**5.3. Netwerking u Integrazzjoni:**

- Appoġġ lit-tim tad-Direttorat tal-Kultura fit-tfassil ta' lista ta' konnessjonijiet, inizjattivi, u spazji rakkomandati rilevanti għall-prattika tal-artisti.
- Appoġġ lill-artisti biex jagħmlu introduzzjonijiet rilevanti fuq il-post ma' nies, organiżżazzjonijiet, jew komunitajiet (f'limiti raġonevoli u skont il-kapaċità).

- Attendenza għal avveniment, studjo miftuħ, jew wirja relatata mar-residenza, jekk relevanti u fattibbli.

It-tqassim taż-żmien jista' ivarja skont l-artist u għandu jiġi miftiehem b'mod reċiproku u ċċarat fil-Pjan ta' Azzjoni fil-bidu tal-kollaborazzjoni.

6. **Żborż tal-Fondi**

- **L-Ewwel Pagament (60% - €300):** Avvanzat mal-iffirmar tal-Ftehim tal- 'Buddy System' flimkien mal-ewwel Pjan ta' Azzjoni maħdum (anke jekk mhux finali) u l-ewwel 'invoice'.
- **It-Tieni pagament (40% - maks. €200):** Mogħti wara li tintela formola ta' suġġerimenti qasira għall- 'Buddy System', maħsuba biex tgħin lid-Direttorat tal-Kultura fl-iżvilupp tal-programm.

7. **Kif Tesprimi Interess**

Dawk interessati li jkunu parti min-Netwerk tal- 'Buddy System' għandhom jgħaqdu din il-lista ta' kontroll:

- ☐ Indikazzjoni tal-ħiliet lingwistiċi, perjodi ta' disponibbiltà, u kwalunkwe oqsma speċifiċi ta' interess (eżempju dixxiplini, komunitajiet, ġeografiji, jew suġġetti).
- ☐ Bijografija qasira li tiddeskrivi l-prattika rilevanti, l-għarfien lokali, u l-esperjenza.
- ☐ Paragrafu ta' Motivazzjoni qasir (bejn 300 u 500 kelma) li jispjega x-xewqa għall-involviment bħala 'buddy', l-interpretazzjoni tagħhom tal-irwol, u x'jistgħu joffru lill-artisti internazzjonali li jaslu.
- ☐ Kopja skannjata tal-Identifikazzjoni Nazzjonali Uffiċjali (Karta tal-Identità jew Passaport)
- ☐ CV u/jew portfolio (jew dokumentazzjoni ekwivalenti għar-rappreżentant magħżul minn NGOs/kollettivi).

8. **Proċess ta' Selezzjoni u Evalwazzjoni**

**8.1 Proċess ta' Selezzjoni**

Filwaqt li l-individwi kollha li jesprimu l-interess jiġu miżjuda man-Netwerk tal- 'Buddy System', l-għażla tal-erbgħa 'Buddies' għall-grupp tal-2026 issir abbażi tat-tqabbil mal-Artisti Internazzjonali magħżula. L-għażla għan-Netwerk tal- 'Buddy System' tiddependi fuq:

- Rilevanza u kwalità tal-esperjenza.
- Għarfien tal-kuntest u n-networks lokali.
- Kapaċità ta' rabta għaż-żmien meħtieġ.
- Bilanċ bejn id-dixxiplini, l-isfondi, u l-perspettivi fi ħdan il-grupp tal-'buddies'.

**8.2 Proċess ta' Tqabbil**

Għal proċess trasparenti u kollaborazzjoni produttiva, l-Artisti Internazzjonali magħżula jiġu involuti fil-proċess ta' tqabbil kif ġej:

- Il-'Buddies' magħżulin jiġu preżentati lill-artisti internazzjonali abbażi ta': dixxiplina, tematika, proċessi tax-xogħol u ħtiġijiet kontestwali.
- Bijografija anonima tal-'buddy' għal kull tqabbil potenzjali tingħata lill-Artisti Internazzjonali għall- 'feedback' qabel it-tqabbil finali.
- Il-Qabliet jiġu kkonfermati u skeda inizjali ta' laqgħat tiġi miftiehma, adattata għall-grupp u l-iskeda tar-residenza.